# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 223/2022/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Liam Spiteri**

Illum 24 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Liam Spiteri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 491993(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-18 ta' April 2022 bejn il-ħinijiet ta' 00:00 u 07:00 ta' filgħodu għall-ħabta ta' 20:00hrs ġewwa Ħal Qormi u f'dawn il-gżejjer:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-

[1] Ara l-verbal tas-seduta miżmuma fis-17 ta' Ottubru 2022 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (*a fol.* 123 *et seq.*).

saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Valarie Bonsfield u dan bi ksur ta' Artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. insulta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Valarie Bonsfield (Artikolu 339(1)(e) Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

4. kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu fil-ħamsa (5) ta' Jannar 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża, kontra l-imputat a benefiċċju ta' Valarie Bonsfield u dan *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuna ta' Valarie Bonsfield u familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll, sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Lulju 2024, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx ħtija għar-reat taħt Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat Artikoli 28B, 31, 49, 202(h)(vi), 214, 215, 216(1)(b), 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni u kkundannatu tmintax (18)-il xahar priġunerija.

Għall-fini ta' Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat li s-sentenza ta' sena priġunerija mogħtija fil-konfront tal-ħati fil-5 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Eman Hayman) vs. Liam Spiteri** (Kumpilazzjoni Numru 5/2022), li l-effetti tagħha ġew sospiżi taħt Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kellha tibda sseħħ.

B'hekk l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat tletin (30) xahar priġunerija effettiva.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn u disgħa u tmenin Euro u ħamsin ċenteżmu (€289.50) rappreżentanti l-ispejjeż imħallsin lill-esperti maħturin fil-proċeduri (Dr. Mario Scerri – Dok. "MS 1") fi żmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Valerie Bonsfield għal żmien tliet (3) snin, liema terminu kellu jibda jgħodd mid-data li tiġi skontata jew maħfura l-piena.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati biex jingħata trattament psikoloġiku biex jifhem li l-vjolenza domestika m'hijiex aċċettabbli u dan għal perijodu ta' sentejn.

Finalment, il-Qorti ordnat li tintbagħat kopja tas-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u *Parole* u lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrrettivi għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament, u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trażżin.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tiddikjara li l-proċess kondott quddiem il-Qorti Kompilatorja/Istruttorja u ta' Ġudikatura Kriminali, fl-ismijiet premessi huwa monk u null minħabba r-raġunijiet fuq premessi u b'hekk tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi tillibera lill-esponent,* ***u f'każ li tirreġetta*** *din il-linja difenzjonali, timmodifika s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn din sabitu ħati li kkawża ferita gravi taħt l-ewwel imputazzjoni u taħt l-Artiklu 216(l)(b) tal-Kodiċi Kriminali u minnu tilliberah u tikkonfermaha fejn ma ħadietx konjizjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artiklu 50 tal-Kodiċi Kriminali, li tiġi akkuża numru tlieta (3). Tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati għar-reat taħt Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, li tiġi akkuża numru tnejn (2). Tikkonfermaha fejn sabitu ħati talli kiser il-provvedimenti tas-sentenza sospiża fir-raba (4) akkuża, u tipprovdi għal piena aktar miti u idonja fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-28 ta' Awwissu 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Lulju 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-18 ta' April 2022 il-Pulizija rċevew rapport ta' vjolenza domestika, fejn il-*parte civile* Valerie Bonsfield qalet li l-eks sieħeb tagħha *ossia* l-appellant il-lejl ta' qabel kien sawwatha. Skont il-*parte civile* hija kienet iltaqgħet miegħu wara l-11.00pm. Jidher li huwa xtaq joħroġ u ftehmu li joħorġu iżda ma jdumux minħabba li hija kellha tqum għax-xogħol. Marru lejn ir-residenza tiegħu fejn allegatament inqala' argument bejn it-tnejn. Waqt dan l-argument, skont il-*parte civile*, l-appellant qalilha: *"issa ngħidlek jien ma tridx tistennini nbiddel"*. Jingħad li hemmhekk huwa beda jsawwat lill-*parte civile*. Fil-verżjoni mogħtija minnha jirriżulta li ħariġha mill-vettura u tellagħha miegħu fl-appartament tiegħu fejn kompla jsawwatha. Il-*parte civile* qalet li aktar tard xi s-sitta u nofs ta' filgħodu (6.30am) hija kkonvinċiet lill-appellant sabiex jagħtiha ċ-ċavetta tal-vettura lura u huwa fetħilha l-bieb. Tgħid li kienet qaltlu li ma kinitx ser tagħmel rapport.

Illi minn naħa tiegħu l-appellant allura imputat jgħid li kien iltaqa' mal-*parte civile* u kienu sejrin joħorġu fejn hija allegatament qaltlu li kienet ser tagħtih nofs siegħa biex jinħasel u jlesti. Meta huwa infurmaha li sakemm ilesti kien ser idum aktar minn nofs siegħa inqala' l-argument fejn skont hu l-*parte civile* tagħtu żewġ daqqiet ta' ħarta. Jgħid li telgħu fl-appartament tiegħu fejn hija bdiet toffendih u l-ġlied sar iktar fiżiku. Wara dan l-appellant jispjega li minħabba li kienet fis-sakra huwa kien qalilha tibqa' miegħu u l-għada filgħodu hija telqet normali. Ikkonfrontat bir-ritratti tal-feriti sofferti mill-*parte civile*, l-appellant qal li seta' kien hemm xi uħud li kienu tort tiegħu waqt li oħrajn setgħu kienu kawża ta' meta waqgħet mal-art. Huwa ċaħad li uża xi kexxun biex isawwat lill-*parte civile*. L-appellant ċaħad ukoll li heddidha.

Illi l-appellant iressaq numru ta' aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi qabel din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzonijiet tagħha dwarhom hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta'

Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Victor Edward Cassar** (Numru 15/2003) fejn din il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Illi dan l-aggravju tal-appellant jirrigwarda bażikament l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa kif ġie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta u anki kif illum preseduta, *"prinċipju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" 10.5.02 u oħrajn). Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-ħtija addebitata lill-appellanti."

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu f'dan il-każ l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-provi, kemm tal-fatti u kemm tad-dritt. Dwar dan huwa jressaq żewġ aggravji u l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwarhom.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jitlob in-nullita' tal-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja minħabba li meta l-Prosekuzzjoni talbet sabiex tiżdied l-imputazzjoni rigward il-ksur ta' sentenza sospiża, l-Ewwel Qorti ma tatx mill-ġdid digriet rigward il-*prima facie*. Jilmenta li minkejja li qajjem dan quddiem l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti (fis-sentenza appellata) iddisponiet minn din il-vertenza billi qalet li l-Prosekuzzjoni ma kinitx qiegħda tixlih b'reat ġdid *per se*. Jilmenta wkoll li r-reat li ġie mixli bih huwa li kiser it-termini tas-sentenza sospiża u li dan mhux reat kompriż jew assorbit fil-piena li ġiet erogata kontra tiegħu. Ikompli li jkun hemm ksur ta' sentenza sospiża anke meta reat

ġdid ikun iġorr miegħu piena minuri għal dak tas-sentenza sospiża. Huwa jqabbel dan il-każ mal-każ ta' meta imputat jinsab reċidiv fejn il-Qrati tagħna qalu li dan huwa reat ġdid u mhux marbut ma' xi imputazzjoni oħra. Ikompli li kieku dan huwa każ bħal dak li qalet l-Ewwel Qorti ma kienx ikun hemm bżonn sabiex l-Avukat Ġenerali jagħmel rinviju appożitu fejn talab li tiżdied akkuża oħra. Jgħid li kieku ma kellux għalfejn isir l-eżami tal-appellant allura imputat mill-ġdid. Jisħaq li ġialadarba jsir eżami ġdid jiskatta dak li jgħidu Artikoli 435(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta li tant il-proċess reġa' beda mill-ġdid li d-difiża ntalbet sabiex tagħti l-eżenzjoni tagħha milli jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid il-provi li kienu nstemgħu. Jisħaq li l-argument marbut mal-fatt li kien diġa' ngħata d-digriet tal-*prima facie* ma għandu l-ebda rilevanza.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u dana sabiex jinftiehem b'mod aħjar dak li ġara quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi jirriżulta li fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 6 *et seq.*) l-Uffiċjal Prosekutur qrat u kkonfermat l-imputazzjonijiet oriġinali bil-ġurament. Dakinhar sar l-eżami tal-appellant allura imputat fejn huwa wieġeb li ma kienx ħati. Dakinhar stess instemgħu numru ta' xhieda u wara li sar hekk l-Ewwel Qorti ddikjarat li kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-appellant allura imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża u b'hekk ingħata digriet tal-*prima facie* (*a fol.* 80).

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 123 *et seq.*) ġara s-segwenti:

- l-Ewwel Qorti qrat in-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Ottubru 2022;

- imbagħad semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur titlob li ssir korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni fejn intalab li tiżdied imputazzjoni li tirrigwarda ksur ta' provvedimenti ta' sentenza sospiża;

- ġiet mgħoddija kopja taċ-ċitazzjoni lid-difiża bl-imputazzjoni miżjuda u ġie dikjarat li l-appellant allura imputat kien ħa konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni l-ġdida;

- l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni u awtorizzat ż-żieda mitluba;

- l-Ufficjal Prosekutur ikkonfermat bil-ġurament iċ-ċitazzjoni kif korretta;

- sar l-eżami tal-appellant allura imputat fejn huwa wieġeb li ma kienx ħati;

- id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq ix-xhieda li kienu diġa' xehdu u milli tipproduċi mill-ġdid il-provi li kienu diġa' ġew prodotti sa dakinhar;

- dehret ix-xhud Stefania Calafato Testa fejn fuq talba tad-difiża ġiet eżentata milli tixhed dakinhar;

- wara li rat Artikolu 435(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat li l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali bil-kawża tkun qed tinstema f'data oħra.

Illi wara l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 123 *et seq.*) hemm is-segwenti:

- l-eżami tal-appellant allura imputat li ġie magħmul fis-17 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 124A);

- l-ordni tal-Qorti fejn ġie ordnat li l-inkartament flimkien mal-provi ġodda miġbura u mal-oġġetti kollha jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi (*a fol.* 125).

Illi minn dan t'hawn fuq u mill-assiem tal-atti proċesswali kollha jirriżulta ben ċar li meta l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tiżdied imputazzjoni u wara li l-Uffiċjal

Prosekutur reġgħet qrat iċ-ċitazzjoni kif korretta u wara li sar l-eżami tal-appellant allura imputat u kien hemm dikjarazzjoni dwar eżenzjoni rigward smiegħ mill-ġdid ta' xhieda li kienu diġa' xehdu, li l-Ewwel Qorti ma tatx digriet ieħor tal-*prima facie*.

Illi tajjeb li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fi provvediment mogħti fit-13 ta' Lulju 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glen Farrugia** (Numru 636/2008) fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja qalet hekk:

> "20. Fin-nota tiegħu tat-22 ta' Mejju 2022 u fin-noti ta' rinviji ta' wara, l-Avukat Ġenerali indika fid-dettal, b'riferenza għal kull imputazzjoni, f'hiex jikkonsistu l-korrezzjonijiet li jrid li jsiru – ħaġa li ma kienx għamel fin-noti ta' rinviji preċedenti, u saret issa biss fuq insistenza ta' din il-Qorti. Il-kawża għadha tinsab fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, u għalhekk anke jekk dawn il-korrezzjonijiet isiru, id-difiża – li issa taf eżattament f'hix jikkonsistu l-emendi u kontra liema fatti l-imputat għandu jiddefendi ruħu – għandha ħin biżżejjed sabiex tirregola ruħha, u ġġib il-provi kollha li tħoss xierqa, u tagħmel is-sottomissjonijiet kollha sabiex tirribatti l-imputazzjonijiet kif korretti.
>
> 21. In oltre, id-diversi korrezzjonijiet mitluba mill-Avukat Ġenerali ma jinkludux iż-żieda ta' reat jew reati separati u ddivrenzjati għal kollox mir-reati mdaħħlin oriġinarjament fil-kumpilazzjoni, u għaldaqstant l-Artikolu 432(3) mhux applikabbli għal każ odjern, u għalhekk m'hemmx bżonn li tinbeda kumpilazzjoni ġdida. Fil-fatt l-Avukat Ġenerali ma għamel l-ebda riferenza għal dan is-subinċiż (3) tal-Artikolu 432 fin-nota tiegħu.
>
> [...]
>
> 28. L-Artikolu 435(2) jgħid li wara li jiżdiedu r-reati ġodda fil-kumpilazzjoni – ovvjament reati li ma jkunux

separati u ddivrenzjati mir-reati oriġinali fil-kumpilazzjoni – il-Qorti *"għandha tissokta bil-kumpilazzjoni u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor."* L-użu tal-kelma "tissokta" jista' jfisser biss li l-kumpilazzjoni tibqa' l-istess waħda, u mhux terġa' tibda mill-ġdid."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Romeo Bone** (Numru 39/2009) fejn il-Qorti Kriminali saħqet is-segwenti:

"Illi l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali li fuqu l-akkużat qiegħed iserraħ din l-eċċezzjoni jipprospetta nullita' fl-Att ta' l-Akkuża kull meta jkun hemm difetti fl-atti tal-kompilazzjoni li jkunu jikkonsistu *"fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat."* Illi l-akkużat iqies illi hemm in-nullita' minnu lamentata billi fil-fehma tiegħu meta l-Avukat Ġenerali, f'wieħed mir-rinviji bagħat l-atti lura sabiex dawn jkunu sanati stante li kien hemm nuqqas ta' osservanza tat-termini mposti bil-liġi li fihom l-Qorti Istruttorja kellha tibgħat l-atti lura lill-uffiċju tiegħu[2], wara li l-Qorti Istuttorja ottemperat ruħha ma' dan ir-rinviju hekk imsejjaħ tal-ħamest ijiem, din naqset milli tagħti deċiżjoni mill-ġdid fejn qiegħdet lill-akkużat, allura imputat, taħt Att ta' Akkuża, kif stipulat fl-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali.

<u>Illi meta l-atti jigu rinvijati lill-Qorti Istruttorja mill-Avukat Ġenerali li jagħżel li jimxi skont l-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali minflok jipproċedi għall-ħruġ tal-att ta' l-akkuża, il-kumpilazzjoni ma tergax tinbeda mill-ġdid, fis-sens li l-Qorti Istruttorja ma tistax terġa'</u>

[2] "Artikolu 401(3A) tal-Kodiċi Kriminali."

tiddeċiedi jekk għadx hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, jew tbiddel id-deċiżjoni tagħha u tgħid li l-imputat għandu jiġi liberat [*discharged*], kif lanqas tista' f'dak l-istadju tittrasforma ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. F' dan l-istadju l-funzjoni tal-Qorti hija limitata biss biex tagħmel dak lilha mitlub mill-Avukat Ġenerali fit-termini ta' l-artikolu 435 u mhux biex terġa' tinfetaħ il-kumpilazzjoni.

Illi l-Qorti [Corte Criminale] fil-kawża ***Rex vs Geraldo Ebejer*** deċiża fl-4 ta' Mejju 1931 [Vol.XXVIII.IV.7] dwar il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja fi stadju ta' rinviju osservat:

> ***"Venendo quindi gli atti rimandati dal Pubblico Prosecutore alla Corte di Istruzione ……. dovra` ottemperare a quanto le fosse stato richiesto dal Prosecutore Pubblico….. Questa Corte non pote` fare altro, perche` la competenza della stessa non puo estendersi oltre l'oggetto e lo scopo del rinvio giusta all' articoli 404 [illum 405]."***

Dan ifisser illi f'dan l-istadju tal-kumpilazzjoni il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja hija waħda ċirkoskritta fit-termini tar-rinviju ta' l-Avukat Ġenerali.

Illi każ analogu li jitfa' dawl fuq dan il-kweżit legali dwar meta l-Qorti Istruttorja għandha tagħti id-deċiżjoni hekk imsejjaħ tal-*prima facie,* huwa dak fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Zarb*** fejn hemmhekk kienet eċċepita in-nullita' ta' l-Att ta' l-Akkuża meta l-Qorti Istruttorja naqqset li tagħti deċiżjoni mill-ġdid dwar jekk kienx hemm biżżejjed provi biex l-imputat jitqiegħed taħt Att ta' l-Akkuża wara li fir-rinviju tiegħu l-Avukat Ġenerali kien talab li tiżdied imputazzjoni ġdida dwar ir-reat tal-istupru għaliex deherlu illi mill-provi li kienu qed jiġi kkumpilati huwa seta' jixli lill-

imputat ukoll b'dan ir-reat. F'dan il-każ il-kumpilazzjoni dwar il-provi dwar dan ir-reat il-ġdid kien diġa seħħ, u l-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) għamlet distinzjoni bejn dan il-każ u dawk il-kawżi fejn ma tkunx saret il-kumpilazzjoni dwar xi reat, iżda l-Avukat Ġenerali iżid imputazzjoni ġdida fejn il-provi dwar l-istess ma jkunux għadhom ġew ikkumpilati. Qieset għalhekk illi kien jonqos il-bżonn illi l-Qorti Istruttorja f'dan ix-xenarju probatorju terġa' tagħti id-digriet hekk imsejjaħ tal-*prima facie* fil-konfront ta' din l-imputazzjoni l-ġdida.

Issa huwa l-artikolu 432 tal-Kodiċi Kriminali li jfassal dak li għandu jagħmel l-Avukat Ġenerali meta jara illi ikun hemm difett fil-kumpilazzjoni meta hemm dispost:

> **(2) Meta l-atti tal-kompilazzjoni jkunu difettużi billi ma jkunux tħarsu xi dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra dwar dawn l-atti, l-Avukat Ġenerali jista' jippreżenta talba bil-miktub <u>biex il-qorti terġa' tibda mill-ġdid il-kompilazzjoni jew biex l-atti jiġu ikkorreġuti</u>, skont iċ-ċirkostanzi, billi jsemmi d-difett u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' dik il-liġi oħra li jkunu jgħoddu għall-każ.**

Illi allura l-Avukat Ġenerali f'dan ix-xenarju fejn ikun riskontrat id-difett kumpilatorju għandu żewġ opzjonijiet, jew li jitlob lil Qorti Istruttorja terġa' tibda mill-ġdid il-kumpilazzjoni **<u>jew</u>** illi jitlob illi l-atti jiġu ikkorreġuti **<u>skont iċ-ċirkostanzi,</u>** bis-sub-inċiż (3) imbagħad jiddelinja l-funżjoni tal-Qorti Istruttorja meta tirċievi minn għand l-Avukat Ġenerali dan it-tip ta' rinviju:

> **"Il-qorti għandha, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol illi għandhom jibdew**

> **jiddekorru minn dakinhar li tirċievi t-talba ppreżentata mill-Avukat Ġenerali bħalma jingħad hawn fuq, liema żmien fuq talba bil-miktub tal-qorti u għal raġuni tajba, il-President ta' Malta jista' jġedded għal ħamest (5) ijiem oħra tax-xogħol, taghlaq il-kumpilazzjoni ġdida jew tikkoreġi l-atti, u għandha tagħti aċċess permezz ta' mezzi elettroniċi għall-atti lill-Avukat Ġenerali; u f'dan il-każ, iż-żmien għall-preżentata tal-att tal-akkuża għandu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess permezz ta' mezzi elettroniċi tal-atti l-ġodda jew l-atti kif ikunu ġew ikkoreġuti.""**

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fil-provvediment u fis-sentenza hawn fuq ċitati, hija tinnota li dak imsemmi hawn fuq (b'mod partikolari dak li ngħad fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Zarb** imsemmija fil-kwotazzjoni hawn fuq ċitata) għandu japplika għal dan il-każ u dana wara li jittieħed in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjoni li żdiedet mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 123 *et seq.*). Għandu jingħad li ż-żieda tar-raba' (4) imputazzjoni ma tinkludiex iż-żieda ta' reat jew reati separati u ddivrenzjati għal kollox mir-reati mdaħħlin oriġinarjament fil-kumpilazzjoni. Għaldaqstant isegwi li l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li seta' jinstab ħati biss ta' offiża ħafifa fuq il-persuna *ai termini* ta' Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt Artikolu 216(1)(b) tal-istess Kapitolu. Huwa jirreferi għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu fejn għamel riferenza għal evidenza mressqa mill-Prosekuzzjoni rigward in-natura tal-offiża b'riferenza għar-rapport tal-perit mediku Dr. Mario Scerri. Jgħid li minħabba li l-espert ma qalx jekk il-ferita hijiex gravi hemm dubju raġonevoli

dwar in-natura tal-ferita. Jirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija minn Dr. Terrence Micallef li meta mistoqsi mill-Qorti jikklassifika l-ġrieħi huwa jgħid li huma *"slight, save any complication"*. In vista ta' dan jinsisti li jippersisti d-dubju dwar in-natura tal-ġrieħi. L-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti mhijiex teknika dwar kwistjonijiet ta' saħħa. Jgħid li seta' jkollha raġun tasal għal din il-konklużjoni *iure imperii* iżda hawn huwa t-tabib kuranti li jgħid li dawn il-feriti ma humiex ta' natura gravi.

Illi rigward l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li Dr. Mario Scerri xehed li ċ-ċikatriċi fuq il-*parte civile* kienet *"tidher from within walking distance"* (*a fol.* 84). Dan ġie kkonfermat fir-rapport tiegħu (Dok. "MS 1" – *a fol.* 86 *et seq.*) fejn anzi żied li din iċ-ċikatriċi *"tibqa' bħala marka"* (*a fol.* 96). Dwar il-klassifikazzjoni ta' feriti simili din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** (Numru 220/2014) fejn din il-Qorti spjegat hekk:

> "6. L-Artikolu 216 (1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi l-offiża fuq il-persuna hija gravi, jekk, *inter alia* skont is-subartikolu (b) iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż. Tajjeb li in rigward issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs. Desmond Falzon**, li ċċitat b'approvazzjoni s-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:
>
> > **"B'mankament ... fil-wiċċ, il-liġi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi *"notevole o complessivo, o per l-entitia' della aterazjoni stess, o per l-espressione d'assieme del volto"* (Manzini, V., <u>Trattato di Diritto Penali</u>, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-**

**<u>regolarita'</u> tal-wiċċ, fl-<u>armonija</u> tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-<u>sbuħija</u> tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormaj paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (<u>Il-Pulizija vs. Emily Zarb</u> App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Għalhekk mhix korretta l-pożizzjoni li temerġi mill-bran tas-sentenza appena ċitat, li jekk ikun hemm ċikatriċi neċessarjament hemm sfreġju, iżda ma jkunx hemm sfreġju jekk ikun hemm sempliċi skolorament tal-ġilda. Anke skolorament tal-ġilda jista' jipproduċi kemm sfreġju kif ukoll mankament fil-wiċċ fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-ħsara; mhux importanti x'tissejjah il-ħsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li tħalli fuq il-wiċċ."**

7. Din is-sentenza llustrat ukoll id-differenza bejn mankament u sfreġju fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) billi rritjeniet illi fejn daqqa fil-wiċċ iġġib nefħa wieħed ikun jista' jitkellem dwar mankament anke jekk tali nefħa tgħaddi <u>wara ftit jiem</u>. L-istess prinċipju ser ikun diskuss fil-konsiderazzjonijiet li jsegwu f'din is-sentenza.

8. Għalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux neċessarju li l-offiża tkun tali li "**tista'**" tħalli mankament jew sfreġju. Dik il-possibilita', ossia dak l-element, jirrafigura biss fl-eżami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jekk l-offiża **<u>tista'</u>** ġġib periklu tal-ħajja, ta' debulizza permanenti fis-saħħa, ta' difett permanenti jew ta' marda permanenti tal-moħħ, ukoll fl-artikolu 218 meta jipprovdi li d-debulizza fis-saħħa, l-marda fil-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett "**<u>jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk</u>**". Sabiex tkun skontrata l-prova tar-reat kontemplat fl-

artikolu 216(1)(b), dak addebitat lill-appellant, huwa biżżejjed li l-offiża kienet fuq l-idejn jew fuq il-wiċċ u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiċċentraw xejn in rigward.

9. Fis-sistema legali tagħna, l-offiża fuq il-persuna tista' tkun waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi oħrajn, il-liġi ma tirrikjedix li l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari. Sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn anke jekk ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza tal-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Għall-espożizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir riferenza ukoll għas-sentenza ta' din il-Qorti deċiża fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Farrugi**a fejn oltre s-sentenza ċitata saret riferenza għal-diversi sentenzi oħra fosthom dik **Il-Pulizija vs. Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

> **"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkażjonijiet oħra, l-isfreġju ('disfigurement') fil-wiċċ (jew fl-għonq jew fl-id) kontemplat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jista' jkun anke ta' natura <u>temporanea</u>, bħal per eżempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-każ tal-hekk imsemmija 'offiża gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-liġi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfreġju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tikkwalifika l-offiża f'wiċċ Sultana bħala sfreġju (għalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik**

> **l-offiża kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ u kienet tidher minn distanza normali."**

Dik is-sentenza ċċitat ukoll dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis Dingli** tat-12 ta' Settembru 1996 fejn intqal hekk:

> **"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li offiża hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju f'ċerti postijiet tal-ġisem, fosthom fil-wiċċ tal-offiż. Ma huwiex meħtieġ li dan il-mankament jew sfreġju jkun permanenti jew li jdum għal ċertu numru ta' sigħat, ġranet, ġimghat jew xhur. Jekk imbagħad, l-isfreġju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjħa offiża gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b) … L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeċiedi jekk offiża ġġibx sfreġju fil-wiċċ o meno jrid jgħaddi ċertu żmien ħalli wieħed jara l-effetti li tħalli l-ferita in kwistjoni fil-wiċċ. Dan mhux korrett. Kif ġa' ngħad, għall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfreġju anke ta' ftit ġranet, per eżempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu għadhom f'posthom, jammonta għal offiża gravi, għalkemm wara li jitneħħew il-ponti u jgħaddi aktar żmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bħala sfreġju.""**

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat hija tinnota bla tlaqliq li fil-każ odjern l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant allura imputat ħati tar-reat kontemplat taħt Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ċ-ċikatriċi fil-wiċċ waħedha tikkwalifika għal hekk.

Illi huwa veru li Dr. Terrence Micallef fix-xiehda tiegħu jgħid li kklassifika l-ġrieħi bħala *slight* iżda rigward iċ-ċikatriċi jgħid li din

ma rahiex. Dwar dan din il-Qorti tirreferi għar-ritratti li hemm fl-atti proċesswali tal-feriti sofferti mill-*parte civile* fejn tidher ċappa żgħira demm fejn hemm iċ-ċikatriċi in kwistjoni. It-tabib jispjega li huwa ma rax li kien hemm bżonn ta' punti u għalhekk ikklassifika l-feriti bħala *slight*.

Illi b'hekk in vista ta' dak li ngħad hawn fuq l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dan illi anke t-tieni aggravju jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant jitlob b'mod mhux daqshekk ċar piena aktar miti u idonea fiċ-ċirkostanzi. Kif ġiet impoġġija din il-parti tat-talba tidher li hija marbuta mat-talba tiegħu fir-rigward tal-konferma li jinsab ħati tar-raba' (4) imputazzjoni. Rigward din it-talba din il-Qorti tinnota illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tagħti piena aktar miti u idonea kif jitlob l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu u b'hekk din it-talba qed tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Liam Spiteri u tikkonferma s-

sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**